MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Numru. 831/2004

**Spettur Antonello Grech**
**V**

**JOSEPH CAMILLERI bin Toni u Giorgia nee' Spiteri, imwieled fil-wiehed w ghoxrin [21] ta' Ottubru, 1946 u residenti 7, Triq il-Knisja, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 82146G**

**Seduta ta' llum 20 ta' Jannar, 2005.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH CAMILLERI** bin Toni u Giorgia nee' Spiteri, imwieled fil-wiehed w ghoxrin [21] ta' Ottubru, 1946 u residenti 7, Triq il-Knisja, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 82146G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar id-disgha w ghoxrin [29] ta' Ottubru 2004 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara

nofsinhar fl-inhawi maghrufa ‘Ta Slima’ limiti ta’ San Lawrenz, Ghawdex, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur meta ma kellux licenzja ghal dan il-ghan mahruga mid-Direttur tad-Direttorat ghal Harsien ta’ l-Ambjent fi hdan l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u mill-Kummissarju tal-Pulizija (4)(a) 7B, 10(1), Avviz Legali numru 146/1993.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 1233 john attard, PC 1506 Louis Calleja, u lil WPC 121 Mary Spiteri.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ghoxrin ta’ Jannar 2005 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu (4)(a) 7B, 10(1), Avviz Legali numru 146/1993, **tiddikjara li ssib lill-imputat JOSEPH CAMILLERI hati tal-akkuzi kif minnu ammessi u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ hamsin [50] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------